**Rapport**

**Istitut Formazzjoni Pastorali**

**Ġunju 2011**

DAHLA

Għan ewlieni ta' l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali (IFP), li twaqqaf frott is-Sinodu Djoċesan fl-Lulju tas-sena 2005, joħroġ mill-fatt li l-Knisja f'Malta, fil-ħidma tagħha ta' evanġelizzazzjoni, tagħraf bħala impenn urġenti l-formazzjoni tal-membri tagħha: "Hi meħtieġa formazzjoni solida u profonda, kontinwa u aġġornata għall-insara kollha Maltin" – (preż *Kultura, Soċjeta' u Knisja*); "Hi meħtieġa formazzjoni soda" – (*Xandir tal-Kelma* 28, 30); "immirata prinċipalment għall-operaturi pastorali" – (preż; *Xandir tal-Kelma*). Is-sejħa li ħarġet mis-Sinodu Djoċesan turi biċ-ċar waħda mill-ikbar sfidi li għandha quddiemha l-Knisja f'Malta bħalissa: dik li tipprepara nsara għall-ħtiġijiet veri tar-realtà soċjali kif inhi llum.

Permezz tal-IFP il-Knisja trid ukoll toffri spazji formattivi għal dawk il-kategoriji u gruppi fis-soċjetà li, għalkemm mhumiex direttament impenjati pastoralment, iħossu l-ħtieġa li fit-twettiq tal-ħidma jew tal-professjoni tagħhom jagħmlu konfront kontinwu u profond mal-messaġġ ta' Kristu u tal-Knisja tiegħu.

L-IFP għalhekk irid jipprovdi formazzjoni ħolistika kif meħtieġa lill-membri kollha tal-komunità kattolika f'Malta. Fl-isforz sabiex tissaħħaħ l-identità ta' din il-komunità ta' aħwa, l-Istitut irid: joffri opportunitajiet ta' (a) formazzjoni permanenti, u (b) ta' esperjenzi spiritwali; (ċ) jippromwovi l-formazzjoni professjonali ta' l-operaturi pastorali għat-twettiq tal-ministeri u tal-ħidmiet tagħhom; (d) kif ukoll jipprovdi esperjenzi ta' djalogu mas-soċjetà Maltija.

L-IFP dejjem fittex fuq kollox li joħloq qafas u ħidma li tesprimi l-viżjoni tas-Sinodu Djoċesan. Din kienet u hija esperienza ekkleżjali sabiħa. Bħala Bord, fittixna li ngħixu dan l-impenn bħala komunità, b'mumenti ta' talb u riflessjoni fuq il-kelma t'Alla kif ukoll mumenti soċjali u familjari li servewna bħala opportunitajiet ta' ispirazzjoni. Fil-fatt, kull sena nagħmlu irtir flimkien bħala bord. Dan wassal ukoll għal kollaborazzjoni sabiħa ma' tant aġenziji fi ħdan il-knisja u ma' tant persuni li bħalna jħobbu lill-Knisja u bħalna jixtiequ jarawha isbaħ u isħaħ bħas-Segretarjat għall-Katekeżi, il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ, iċ-Ċentru Fidi u Ġustizzja, il-Ċentru ta' Spiritwalità Injazjana, iċ-Ċentru Animazzjoni Missjunarja, l-Opri Pontifiċji Missjunarji, il-Fakultà tat-Teoloġija, il-Kummissjoni Djoċesana Familja, il-Moviment ta' Kana, l-Għaqda Bibblika Maltija u ċ-Ċentru ta' Spiritwalità Karmelitana. L-IFP ma jridx jibni xi realtà esklussivament tiegħu imma jfittex biss li jsostni, jikkollabora u jagħmilha possibbli li noħolmu flimkien.

Irridu li l-imħabba tagħna lejn il-Knisja nkomplu nfittxu li nittraduċuha f'impenn apostoliku u proposti pastorali li jitwieldu fi djalogu ma' min jesprimi l-bżonn tagħhom u fl-istess waqt iħoss li jkun mgħejjun u sfidat minnhom.

Irridu nkomplu nagħtu mportanza kbira lill-kollaborazzjoni ma' tant aġenziji fi ħdan il-knisja u ma' tant persuni li bħalna jħobbu lill-Knisja u bħalna jixtiequ jarawha isbaħ u isħaħ.

Inħarsu lejn il-ġejjieni b'tama qawwija għax dan kollu huwa xogħol il-Mulej, li assigurana li se jibqa' magħna sa l-aħħar taż-żmien.

SEGRETERIJA

Is-Sinjorina Carmen Mangion, irriżenjat minn Segretarja Esekuttiva tal-Bord tal-IFP fit-20 ta' Settembru 2010 minħabba li xtaqet xogħol *full-time*. Fil-25 ta' Mejju 2011, ġiet aċċettata fil-pożizzjoni ta' Segretarja Esekuttiva tal-Bord tal-IFP fuq bażi *part-time* ta' 20 siegħa fil-ġimgħa, is-Sinjorina Stephanie Falzon.

PROPOSTI MWETTQA

Matul is-sena 2010–2011, l-IFP kien impenja ruħu f'dawn il-proposti formattivi li ġew imwettqa:

1. Bħalma saru għal dawn l-aħħar ħames snin, f'kollaborazzjoni mal-Kunsill tal-ĊARITAS, sar *seminar* għall-membri professjonali u dawk impenjati fl-amministrazzjoni fi ħdan l-istituzzjonijiet tad-djakonija. Attendew madwar 60 persuna għal dan is-*seminar* ta' nofs ta' nhar. Dan is-*seminar*, kellu l-iskop li jgħin lil dawn l-impjegati tant apprezzati fil-kamp tad-djakonija jirriflettu dwar il-ħidma tagħhom fid-dawl tal-Vanġelju. Sar moment twil ta' talb u riflessjoni bl-għajnuna tal-metodu tal-*Labirint*. Kull parteċipant għamel mixja personali u wara seta' jaqsam elementi mill-mixja ma' oħrajn. Is-*seminar* kien apprezzat ħafna u kien hemm diversi li talbu biex joffruh għall-klijenti li jakkumpanjaw. Hemm il-ħsieb li jinoffru seminars oħra matul is-sena li ġejja.

2. Mas-Segretarjat tal-Kleru u tal-Ħajja Konsagrata u mas-Segretarjat għal-Liturġija, l-IFP ikkollabora fl-ippjanar ta' *seminars* ta' nofs ta' nhar li matulhom il-presbiteri djoċesani u reliġjużi kellhom spazju għal riflessjoni personali, qsim ta' idejat u fraternità. Dawn it-tliet *seminars* kellhom it-tema ġenerali *Il-Liturġija fil-Ħajja tas-Saċerdot*. Ħadna bħala temi speċifiċi ż-żminijiet liturġiċi tal-Avvent, ir-Randan u l-Għid u l-għan prinċipali kien li l-presbiteri jkollhom l-opportunità li jidħlu fil-fond fl-esperjenza tal-Knisja u tagħhom stess ta' dawn iż-żminijiet liturġiċi. Is-*seminars* kienu jikkonsistu f'riflessjoni marbuta ma' żmien liturġiku, u mument ta' qsim ta' idejat dwar dak iż-żmien liturġiku u ħin ta' talb personali. Kien hemm attendenza ta' madwar 90 presbiteru u deher li s-*seminars* kienu mument sabiħ ta' riflessjoni u talb għal dawk li ħadu sehem fihom.

3. F'kolloborazzjoni mal-Uffiċċju għat-Tagħlim tar-Reliġjon fl-Iskejjel u mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni ippartecipajna fi programm li jservi għall-formazzjoni kontinwa ta' l-għalliema tar-Reliġjon. Fil-fatt din is-sena ġie offrut *on-going formation sessions* lill-għalliema kollha tar-Reliġjon ta' l-iskejjel kollha (kemm tal-gvern, kemm tal-knisja u wkoll dawk privati). L-għalliema nqasmu fi gruppi u kull *module* kien jikkonsisti fi 8 sessjonijiet. L-IFP ħa ħsieb is-sessjonijiet dwar il-"Metodi ta' Tagħlim tar-Religjon", "Id-Djalogu bejn il-Fidi u x-Xjenza", u "Metodi ta' Talb" rispettivament. Jidher ċar li din l-inizzjattiva ġiet apprezzata ħafna għalkemm, minħabba raġunijiet tekniċi min-naħa tal-Ministeru tal-Edukazzjoni ma jidhirx li tista' ssir is-sena d-dieħla.

4. L-IFP offra kors ta' formazzjoni *General Education Award in Evangelisation* fl-Unità Pastorali 2. Għal dan il-kors, ta' formazzjoni teoloġika bażika għall-operaturi pastorali fil-parroċċa u għal dawk li jmexxu għaqdiet u movimenti, attendew 49 operatur/a pastorali. Ta' min jgħid li l-*lecturers* f'dan il-kors huma kollha lajċi. Il-kors kien ferm apprezzat mill-parteċipanti u kien esperienza li permezz tagħha qed tinoffra opportunità ta' formazzjoni fuq firxa dejjem iktar wiesgħa. Fil-fatt hemm il-ħsieb li s-sena d-dieħla jinoffra f'Unità Pastorali 3.

5. F’kollaborazzjoni mas-Segretarjat għal-Liturġija kien offrut fuq livell djoċesan il-kors *A Short Introduction to the Liturgy*, kors ta’ 14-il-gimgħa intiż għall-membri tal-kummissjonijiet parrokkjali liturġija. Attendew 28 persuna u hemm il-ħsieb li l-kors jerġa’ jsir is-sena d-dieħla.

6. Fil-kamp tal-familja saru diskussjonijiet biex noffru korsijiet ta’ formazzjoni li jħejju lil dak li jkun għall-ministeru fil-qasam tal-familja. Fuq linji simili għall-kamp tal-*youth ministry*, qed nipproċedu għal viżjoni simili fil-kamp tal-*family ministry*. Sar djalogu mal-Kummissjoni Djoċesana Familja biex inħejju flimkien kors fuq livell djoċesan għall-membri tal-Kummissjonijiet Parrokkjali Familja. Fil-fatt, minn Ottubru se jsir il-kors *Introduction to the Theology of the Family* li jinkludi tmien krediti (erba’ krediti fit-teoloġija tal-familja u erba’ krediti fil-qasam tal-ministeru tal-familja. Dan il-kors se jikkoordinawh u jgħallmu fih persuni li qed isegwu l-*MA in Family Ministry*. Flimkien mal-Kummissjoni tal-Moviment ta' Kana li jieħu ħsieb il-kors li jħejji l-koppji mexxejja saret ħidma biex il-kors ta’ tħejjija għall-koppji mexxejja tal-Korsijiet ta’ Kana jiġi approfondit aktar fl-aspetti ta’ l-antropoloġija nisranija, l-intimità emozzjonali, l-intimità sesswali u l-intimità spiritwali. Fil-fatt, is-sena d-dieħla se jinoffrew żewġ *weekends Spiritual Intimacy* u *Emotional and Cognitive Intimacy*. Il-ħsieb hu li dawn it-temi, flimkien maż-żewġ temi oħra, jinoffrew kull sena hekk li, f’ħames snin, il-koppji mexxejja kollha ikunu segwew l-erba’ temi. Il-ħsieb wara dan il-proġett hu li tidħol il-kultura ta’ *on-going formation.* Ukoll, il-kors *Higher Education Award in Natural Family Planning* tfassal b’mod ġdid biex ikun jista’ jkun akkreditat u f’Novembru li ġej se jkollna l-ewwel 9 gradwati minn dan il-kors.

7. Fil-kamp taż-żgħażagħ u l-adolexxenti, l-IFP kompla joffri diversi proposti. F’kollaborazzjoni mal-KDZ u s-Segretarjat tal-Katekezi, rega’ ġie offrut il-kors *Higher Education Award in Adolesċent and Youth Ministry*. Applikaw 20 parteċipant (u segwew t-tieni sena tal-kors 16-il parteċipant). Saru wkoll tliet *seminars* (f’kollaborazzjoni mas-Segretarjat għall-Katekeżi u mal-KDŻ, u li għalihom attendew 70 parteċipant) li huma maħsuba li jservu ta’ *on-going formation* għall-*Youth Leaders*. Ta’ min igħid li fl-Assemblea tal-KDŻ ġiet ippreżentata l-ideja tal-mappa ta’ formazzjoni fil-kamp tal-*Youth Ministry* li kienet qed tinħadem f’kollaborazzjoni bejn l-IFP, KDŻ u Segretarjat tal-Katekeżi u li qed isir sforzi konkreti biex tiġi implimentata.

8. F’kollaborazzjoni mas-Segretarjat għall-Katekeżi, f’Ottubru 2009, kien inbeda *Higher Education Award in Theology*. Minn dan il-kors, li kien fuq sentejn, din is-sena se jiggradwaw l-ewwel 9 parteċipanti. Dan il-kors, li qed iservi biex jagħti introduzzjoni ġenerali għal temi u riflessjonijiet Teoloġiċi lil persuni attivi ħafna fil-komunità nisranija imma li ma jistgħux jattendu kors l-Università se jerga’ jinoffra din is-sena.

9. Flimkien maċ-Ċentru Fidi u Ġustizzja l-IFP se jerġa’ jibda kors ta’ sitt *modules* dwar it-tagħlim soċjali tal-Knisja *Higher Education Award in Catholic Social Teaching*. Il-format ta’ dan il-kors u l-kontenut li fih jagħmluha faċli għal min jixtieq jesplora dan is-settur biex ikun iktar midħla tat-tagħlim soċjali tal-Knisja. Hija proposta li qed tkompli tilħaq persuni li jistgħu jagħmlu mpatt nisrani serju fil-kamp fejn qed jaħdmu. Normalment jattednu għal dan il-kors madwar 15-il persuna.

10. Sar il-kors *Higher Education Award in Catholic Religious Education* li hu kors ta’ metodoloġija għal dawk li jkunu għamlu l-*Masters* fit-Teologija u li jkunu jixtiequ jgħallmu r-reliġjon. Għamluh 5 parteċipanti.

11. F’kollaborazzjoni mal-Uffiċċju Pontifiċju Missjunarju u maċ-Ċentru Animazzjoni Misssjunarja se jerġa’ jinoffra l-kors *Higher Education Award in Missiology*. Dan il-kors, li

hu twil sitt xhur u li jsegwi wkoll is-sena liturġika għandu l-ħsieb li japprofondixxi r-riflessjoni dwar it-teoloġija tal-missjoni, u l-ħtieġa tad-djalogu, il-proklamazzjoni u l-evanġelizzazzjoni.

12. Ġie offrut l-*Higher Education Award in Christian Leadership II* (kors li jikkonsisti f'erba' *modules*) lil grupp ta' 11-il persuna li diġà kienu għamlu l-kors *Higher Education Award in Christian Leadership I*. Din il-proposta, li tapprofondixxi l-viżjoni nisranija ta' tmexxija għal-lajċi *leaders* fi ħdan il-movimenti u l-għaqdiet, qed tkompli tiġi milqugħa tajjeb ħafna. Fil-fatt, sar ukoll il-kors *Higher Education Award in Christian Leadership III* lil grupp ta' 20 persuna u ġie żviluppat ukoll ir-raba' stadju ta' dan il-kors li se jinoffra għall-ewwel darba s-sena d-dieħla.

13. F'kollaborazzjoni maċ-Ċentru Spiritwalità Injazjana, din is-sena se nerġgħu noffru l-*Higher Education Award in Spirituality* u d-*Diploma in Spiritual Direction*). B'kollox, dan il-kors hu ta' 3 snin. Applikaw 24 persuna. L-esperjenza taċ-ĊSI f'dan il-qasam u l-kollaborazzjoni ma' l-IFP qed iwasslu għal proposta bżonnjuża u apprezzata f'dan is-settur. Matul is-sena li għaddiet, saret riflessjoni wiesgħa biex dan il-kors ikompli jittejjeb u biex il-gradwati ikunu jistgħu jagħtu kontribut siewi fil-knisja u fis-soċjetà.

14. Din is-sena se jkunu temmew kors mal-IFP 160 parteċipant (minn 9 korsijiet differenti). Iċ-ċerimonja tal-gradwazzjoni se ssir fis-Seminarju tal-Virtù nhar it-8 ta' Novembru 2011.

15. Għall-ewwel darba, kien offrut irtir ta' ġurnata abbinat ma' kull kors offrut mill-IFP. L-iskop hu li l-esperjenza formattiva tkun magħquda mat-talb personali u flimkien.

16. Saret l-ewwel sena tal-kors *MA in Business Ethics* li l-IFP, f'kollaborazzjoni mal-Fakultà tat-Teologija u mal-*Fundazzjoni Pro Pontefice Centesimus Annus*, ħadem fuqu. Qed jattendu 9 studenti li lkoll huma ferm motivati u li jidher li l-kors qed iservi għall-formazzjoni tagħhom b'mod li jmur lil hinn mill-isfera purament akkademika.

17. Djalogi fis-Soċjetà: din is-sena dawn ma sarux minħabba problemi ta' riżorsi. Minflok bdiet issir ħidma biex il-Palazz de Piro jibda jintuża bħala ċentru ta' kultura nisranija. Fil-fatt, f'kollaborazzjoni mal-Fakultà tat-Teoloġija, iċ-Ċentru Fidi u Ġustizzja u s-Segretarjat għall-Katekeżi, qed jitħejja programm iffukat fuq id-domanda "X'Soċjetà rridu?" bil-ħsieb li jiġu nvoluti persuni minn sferi differenti tas-soċjetà f'riflessjoni fuq 10 laqgħat li se tkun iggwidata mit-tagħlim soċjali tal-knisja. Is-sena d-dieħla hemm il-ħsieb ukoll li d-Djalogi mas-Soċjetà jiffukaw fuq ix-xjenza u jsiru ma' min jirrifletti u jirriċerka f'dan il-qasam.

18. Lejla ta' Kultura u Fidi: din saret fl-Oratorju tal-Konkatidral ta' San Ġwann nhar il-Ġimgħa, 1 ta' April 2011. Wara mument mużikali u riflessjoni biblika saret reflessjoni bit-tema "*L-Arti, il-Ġmiel, u s-Salvazzjoni*" mis-Sur John Martin Borg. Tqassmu wkoll riflessjonijiet ipprintjati lil dawk li attendew. Il-ħsieb ta' din l-attività tkun dejjem li post sagru bħall-Oratorju ta' San Ġwann jservi bħala spazju ta' djalogu bejn il-fidi nisranija u l-kultura. Fil-fatt attendew madwar 100 persuna li, fil-maġġoranza kbira tagħhom, kienu parti mill-isfera tal-arti u l-kultura.

19. F'kollaborazzjoni mal-Kongregazzjoni Sależjana, mal-Appogg, u mal-SOS Malta, qed nikkoboraw f''*listening centre*' virtwali li studenti tal-iskola jistgħu iżuru (www.kellimni.com). L-input speċifiku tagħna f'din l-inizjattiva hi d-dimensjoni spiritwali. Bħalissa qed issir riflessjoni minn żewġ studenti tal-MA in Youth Ministry biex jesploraw id-dettalji tal-involviment tal-knisja f'dan il-qasam. Hemm il-ħsieb li din l-inizjattiva tkun imħaddma minn gradwati mill-kors *Diploma in Spiritual Accompaniment*.

ATTIVITAJIET OĦRA

1. Saret iċ-ċerimonja tal-gradwazzjoni tal-istudenti li temmew Din saret fid-9 ta' Novembru 2010 fis-Seminarju tal-Virtù, ir-Rabat. Iggradwaw 138 parteċipant f'ħames korsijiet differenti.

2. Sar irtir u '*reflect-in*' għall-membri tal-Bord bejn il-5 u s-7 ta' Lulju 2010 fiċ-Ċentru tal-Irtiri tal-MSSP, iż-Żebbug, Għawdex.

3. Fit-30 ta' Settembru 2010 saret attività li għaliha kienu mistiedna l-*lecturers* u l-kollaboraturi kollha tal-IFP. L-iskop kien li nkomplu nikbru fl-identità u fl-ispiritwalità tagħna bħala entità ekkleżjali u li nkomplu naħdmu biex il-korsijiet u s-seminars tagħna jkomplu jkunu esperjenza formattiva u ta' knisja għall-parteċipanti. L-attività, li kienet tikkonsisti f'mument twil ta' talb u f'mument ieħor fejn kilna xi ħaġa flimkien, serviet biex persuni u entitajiet differenti involuti fil-formazzjoni niltaqgħu, nitolbu u naqsmu mument soċjali flimkien. Hu maħsub li ssir attività oħra bħal din fit-13 ta' Lulju fil-Grotta ta' San Pawl.

4. Saret laqgħa tal-membri tal-Bord ma' Mons Arċisqof nhar l-20 ta' Lulju 2010. Matul din il-laqgħa qsamna miegħu ir-riflessjoni tagħna dwar xi prioritajiet għall-ħidma tal-evanġelizazzjoni. Qsamna miegħu ukoll xi aspetti tal-metodu u tal-ħidma tal-IFP. Il-laqgħa kienet ukoll opportunità fejn stajna nisimgħu ir-riflessjonijiet ta' Mons Arċisqof.

5. Tkompla d-diskors strutturat mal-*Malta Qualifiċations Ċounċil* biex naħsbu dwar l-akkreditazzjoni tal-korsijiet li noffru bħala IFP. Dan id-diskors gie mitmum b'suċċess u ġew ippreparati d-dokumenti finali tal-protokoll mal-MQC li gie ffirmat fit-2 ta' Diċembru 2010. Dan ifisseri li l-IFP hu rikonoxxut formalment mill-MQC u li l-korsijiet li joffri huma akkreditati ċivilment. L-IFP qed jaħseb biex joffri servizz lill-aġenziji kollha fi ħdan il-knisja biex il-korsijiet li jinoffru jkunu rikonoxxuti ċivilment ukoll.

6. Fis-16 ta' Ġunju 2011, saret applikazzjoni biex l-IFP tkun rikonoxxuta bħala *Tuition Centre* mill-Minsteru tal-Edukazzjoni.

7. Is-Sur John Martin Borg kiteb ikona għall-IFP bejn il-31 ta' Diċembru 2010 u l-1 tra' Jannar 2011. Din l-ikona, ispirata mill-ikona tal-Ospitalità ta' Abraham ta' Andrei Rublev, ġiet regalata mill-ikonografu lill-IFP u se sservi ta' simbolu għall-ħidma tal-IFP. Fil-fatt, ġiet inkluża fil-*Prospectus* tal-IFP għas-sena 2011-12.

8. Ġie pprintjat *prospectus* ta' korsijiet għas-sena 2011-2012. Dan il-*prospectus* jinkludi l-*brochures* dwar 14-il kors kif ġej:

- A Short Introduction to the Liturgy
- A Short Introduction to the Theology of the Family (gdid)
- General Education Award in Evangelisation
- Higher Education Award in Adolesċent and Youth Ministry
- Higher Education Award in Spirituality (gdid)
- Higher Education Award in Christian Leadership I

- Higher Education Award in Theology (gdid)
- Higher Education Award in Missiology
- Higher Education Award in Catholic Social Teaching (gdid)
- Korsijiet tal-Moviment ta' Kana
- Korsijiet tas-Segretarjat għall-Katekezi
- Korsijiet tal-Għaqda Bibblika
- Korsijiet tal-Istitut Karmelitan (gdid)
- Korsijiet tal-Fakultà tat-Teologija (gdid)

PROPOSTI TA' ĦIDMA GĦAS-SENA 2011-12:

1.

i. Matul is-sena 2011-12 se jkunu offruti/mibdija dawn il-korsijiet:

- A Short Introduction to the Liturgy
- A Short Introduction to the Theology of the Family
- General Education Award in Evangelisation
- Higher Education Award in Adolesċent and Youth Ministry
- Higher Education Award in Spirituality
- Higher Education Award in Christian Leadership I
- Higher Education Award in Christian Leadership IV
- Higher Education Award in Theology
- Higher Education Award in Missiology
- Higher Education Award in Catholic Social Teaching

ii. Matul is-sena 2011-12 se jsiru dawn is-seminars

- Weekend Seminar on Emotional and Cognitive Intimacy
- Weekend Seminar on Spiritual Intimacy
- Tlett seminars ta' on-going formation għall-Youth Leaders
- Tlett Seminars għal Tigdid Presbiterali
- Seminar għall-Administrative and Professional Staff fil-qasam tad-Djakonija.

iii. Fil-Palazz de Piro se jsir dan il-programm bit-tema “X’Soċjetà rridu”

L-ewwel se tinkiteb *draft paper* inizjali. Din tigi diskussa kif gej:

14 September 2011 Discuss Draft Paper with ‘original’ group. The draft paper would propose a reading of Maltese society in the light of CST with reference to personhood and civic society.*

12 October 2011 Intellectuals (what do we mean by personhood; what do we mean by society?; what is enhancing/threatening human development?)

| | |
|---|---|
| 09 November 2011 | Civil Society (NGOs) |
| 07 Deċember 2011 | Unions |
| 11 January 2012 | Political Movements |
| 15 February 2012 | Business Persons |
| 14 Marċh 2012 | Psychologists/Soċiologists |
| 18 April 2012 | Education and Media |
| 09 May 2011 | Artists |
| 24 May 2012 | Intellectuals |
| 01 June 2012 | Final Preparations for Public/Closed Meeting |
| 14 June 2012 | Public/Closed Discussion |
| 28 June 2012 | Evaluation and disċussion regarding next year |

F’kull laqgħa, żewġ persuni se jkunu mistiedna joffru riflessjoni ta’ 10 minuti dwar il-*paper* u wara jkun hemm diskussjoni miftuħa. Il-proċeduri tal-laqgħat ikunu ppublikati fuq l-internet biex il-pubbliku jkun jista’ jieħu sehem. Il-*paper* oriġinali tkun emendata fid-dawl tad-diskussjoni kontinwa.

2. Se ssir laqgħa tal-membri tal-Bord ma’ Mons Arċisqof biex naqsmu miegħu ir-riflessjonijiet u l-ħidma tagħna u nisimgħu ir-riflessjonijiet u x-xewqat tiegħu.

3. Qed issir ħidma biex il-*website* tiġi żviluppata fid-dawl tar-rikonoxximent tal-korsijiet mill-MQC, imma wkoll biex isservi ta’ post għal djalogu bejn il-knisja u s-soċjetà, u biex toffri ċentru ta' riżorsi kateketiċi u pastorali kemm formattivi u kemm informattivi.

4. Se jkompli jsir diskors mal-Segretarjat għall-Hajja u Ħidma fil-Parroċċi biex jigi żviluppat programm ta’ formazzjoni li jgħin biex il-ħajja fil-parroċċi tkun dejjem iżjed imsejjsa fuq il-Kelma ta’ Alla.

5. Se ssir laqgħa ta’ *Djalogi mas-Soċjetà* (dwar ix-xjenza) kif ukoll *Lejla ta’ Kultura u Fidi*.

6. Se jsir irtir u ‘*reflect-in’* għall-membri tal-Bord bejn l-4 u s-6 ta’ Lulju 2011 fiċ-Ċentru tal-Irtiri tal-Karmelitani, il-Lunzjata, Rabat.

7. Qed tkompli l-kolloborazzjoni ma’ l-Istitut Karmelitan, l-Għaqda Biblika u ma’ Istituti oħra li joffru korsijiet fi ħdan il-knisja.

8. Irridu nkomplu nikbru fl-identità u fl-ispiritwalità tagħna bħala entità ekklezjali

9. Irridu nkomplu nahdmu biex il-korsijiet u s-seminars tagħna jkomplu jkunu esperjenza formattiva u ta' knisja għall-parteċipanti.

## XEWQAT TA’ ĦIDMA

1. Nikkontribwixxu għal kultura ta’ komunjoni u kollaborazzjoni akbar fi ħdan il-Knisja f’Malta.

2. Nistudjaw il-mod kif il-Knisja f’Malta qed tidher fil-*politika* u fil-*media* u nikkontribwixxu b’mod strateġiku u b’mod organizzattiv f’dan il-qasam.

3. Naraw kif jista’ jitwaqqaf/u *think-tank/s* li jirriflettu u li jipprovokaw aktar ħsieb u dinamizmu fil-Knisja.

4. Inwaqqfu ‘*listening centre*’ fejn persuni li jridu jikbru spiritwalment permezz ta’ talb personali (mgħejjuna minn xi ħadd), direzzjoni spiritwali, jew qrar, ikunu jistgħu imorru. Din l-inizjattiva tista’ tkun kumplimentata permezz ta’ preżenza dejjiema u attwali tal-Knisja fuq l-*internet*.

5. Nikkontribwixxu għall-formazzjoni ta’ *ethos* spiritwali u pastorali iżjed profonda fl-iskejjel tal-Knisja.

6. Inkomplu nsaħħu l-ħidma tagħna għall-formazzjoni tal-għalliema kollha fl-iskejjel tal-Knisja biex dawn ikunu, b’mod aktar profond, aġenti ta’ evanġelizazzjoni.

7. Ngħinu fil-qasam ta’ *spiritual counsellors* fl-iskejjel biex dawn ikunu mħarrġa aħjar u jkollhom riżorsi siewja għall-ħidma tagħhom.

8. Noffru esperjenzi spiritwali profondi u sbieħ, lil kategoriji differenti ta’ persuni, li jkunu ta’ dawl fuq il-ħajja nisranija tagħhom. Dawn jistgħu jinkludu riferenza espliċita għall-kuntest kulturali u storiku malti.

9. Noffru korsijiet esperjenzjali fuq ‘metodi ta’ talb’.

## KONKLUŻJONI

Bħala parti mill-Evanġelizazzjoni ġdida, l-IFP irid joffri formazzjoni li tfisser esperjenza tal-persuna tal-Mulej Ġesù ħaj fi ħdan il-Knisja u tar-rikkezza tal-fidi fih. Formazzjoni li tinkludi l-kuntatt mal-Iskrittura Mqaddsa, għarfien profond tad-dommi tal-fidi tagħna, esperjenza tas-sbuħija tal-liturġija, u riflessjoni personali dwar l-ispiritwalità, il-morali u t-tagħlim soċjali tal-Knisja. L-IFP iridu isieħeb dan l-isforz formattiv ma’ sforz li jfisser li ngħinu lil dak li jkun jitlob – irid jakkumpanja l-formazzjoni mill-qrib bi skola ta’ talb. B’dan il-mod ikollna “Nsara li mhumiex arroganti jew li jgħaġġlu biex jitkellmu, imma rġiel u nisa li jafu r-reliġjon tagħhom, li jidħlu fil-fond, li jafu x’jemmnu u x’ma jemmnux, li jistgħu jaqsmu l-fidi tagħhom …. Irridu lajċi intelliġenti, istruwiti. Irriduhom iwessgħu l-għarfien tagħhom, li jikkultivaw ir-raġuni, li jindunaw bir-relazzjoni ta’ verità ma’ oħra …. Li jagħrfu r-relazzjoni bejn il-fidi u r-raġuni u l-pedamenti u l-prinċipji tal-Kattoliċeżmu” (John Henry Newman, *Omelija 9*, fi *Dmirijiet tal-*

*Kattoliċi*, 1851). B'dan il-mod ikollna persuni li joffru l-Evanġelju b'mod personali billi jaqsmu, b'mod profond u konvinċenti, l-esperjenza tagħhom ta' fidi.

L-IFP irid ukoll jibni pontijiet ta' djalogu – li jfisser kemm xhieda u kemm smigħ – ma' oqsma differenti fis-soċjetà.

L-IFP, matul iż-żmien li ilu jiffunzjona, fittex li jkun attent għall-ispirtu mogħti mis-Sinodu Djoċesan u jimxi fuqu. Fil-fatt, saret ħidma sabiħa fi spirtu ta' komunjoni vera. L-esperjenza s'issa kienet waħda pożittiva u tawgura tajjeb għall-ġejjieni, l-iktar meta jridu jiġu studjati u milqugħa sfidi ġodda li se jitolbu kemm kuraġġ u kemm umiltà biex, b'mod profetiku u b'tama sħiħa, jiġu affrontati minna bħala nsara.